# <u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

**Deċiżjoni Numru 3028**

**Illum 7 ta' Novembru, 2024**

**Kaz Nru: 4141/ET**

**Fil-Kwistjoni tax -Xoghol**

**Bejn**

**Robert Seguna, KI 178679M**

**U**

**Associated Marketing Ltd- C 16629**

*Dwar: tkeccija mill-imjieg allegata li hi ngusta*

**<u>Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.</u>**

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta rikors mill Avukati Dott Antonio Depasquale u Dott Marylyn Bonett fit-8 ta Frar, 2023 f'isem ir-rikorrent. Aktar tard fil-process bdiet tidher ukoll l-Avukat Dott. Naomi Schembri f'isem ir-rikorrent.

Fir-rikors ir-rikorent iddikkjara dawn il-punti principali.

Ir-rikorrent beda jahdem mas- socjeta ntimata fit-3 ta Jannar, 2022 bhala Sales Representative fuq bazi full-time.

Illi fil-21 ta Ottubru, 2022 is-socjeta' ntimata, minghajr ebda preavviz u b'mod ghal-ahhar abbuziv u llegali, itterminat b'effett immedjat l-impjieg tar-rikorrent abbazi ta allegat nuqqas ta osservanza u ezekuzzjoni minnu tad-dmirijiet stabbiliti fil-kuntratt tal-impjieg tieghu.

Illi kuntrarju ghal dak allegat mis-socejta' ntimata ir-rikorrent dejjem osserva u qeda dmirijietu b'diligenza u professjonalita tant li qatt ma gie rinfaccjat b'xi twissija la verbali u lanqas bil-miktub u wisq anqas b'xi proceduri dixxiplinarji.

Ir-rikorrent kompla jiddikjara din l-allegazzjoni ma hija xejn ghajr fabbrikazzjoni fazulla u inveritiera intiza biss biex is-socjeta' ntimata tipprova tiggustifika terminazzjoni ngusta u ghal kollox bla bazi legali.

Illi ukoll is-socjeta' ntimata naqset fi hlasijiet ta' "commission on sales" li ghad ghandu jiehu ir-rikorrent u dan skont "schedule  A" tal-kuntratt tal-impjieg u allura bi ksur ta obbligi kuntrattwali.

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg mis-socjeta' ntimata kienet ingusta u mhux ghar-raguni tajba u sufficjenti skont il-Ligi u li jinaghata kumpens xieraq. Illi ukoll ir-rikorrent jinghata somma rigward "il-commission on sales" dovuti.

Minn naha taghha s-socjeta' ntimata, permezz ta l-Avukati Dott. Andre' Borg u Dott. Stephanie Bonnici, iddikjarat kif gej b'risposta u dikjarazzjoni datata 16 ta' Marzu, 2023.

Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda u illi l-azzjoni tar-rikorrent ghandha tigi respinta billi s-socjeta ma tterminatx l-impjieg b'mog ingust izda ghal raguni valida skont il-Ligi.

Illi s-socjeta' dejjem hallset lir-rikorrent pagi u bonuses gusti u li jekk hemm pretezi xi aggustamenti dawn mhux parti mill-mertu tat-tkeccija.

Is-socjeta' dejjem imxiet b'konformita mal-Ligi u li ma kien hemm ebda ksur kif allegat.

Illi kien propju r-rikorrentli naqas mid-doveri lovorattivi tieghu, kien erratiku f'xogholu, ikkaguna telf lin-negozju u li ma ndirizzax dawn in-nuqqasijiet minkejja li kien jigi mwissi verbalment.

Is-socjeta' ntimata kompliet tiddikjara li sa mill-bidu ta l-impjieg ir-rikorrent kien jinghata tahrig dwar preparazzjonijiet ta ordnijiet, xelta ta prodotti, klijenti u direzjioni dwar bejh izda l-esekuzzjoni ta dawm id-dmirijiet mir-rikorrent kienet inaccettabbli u l-boghod mill-aspettattiva.

Illi ir-rikorent inghata diversi opprtunitajiet biex itejjeb il-prestazzjoni izda din kompliet sejra lura nkluz ilmenti minn klijenti urtati li l-ordnijiet ma jkunux kif ordnaw u dan jistghu jikkonfermawh huma stess. Dan wassal biex xi klijenti ma baqghux jordnaw jew naqqsu l-ordnijiet.

Illi r-rikorrent kien jonqos mill-professjonalita meta jzur il-hwienet billi joqod jrrakkonta l-istorja ta hajtu u gieli ha l-partner tieghu mieghu.

Ir-rikorrent gieli ukoll kien jizbalja fl-invoice numbers meta jaghti l-ircevuti.

Is-socjeta' ntimata tenniet li wara xhur ir-rikorrent baqa jikkommetti zbalji u l-istatistika tas-socjeta' turi car li irrizulta tnaqqis drastiku ta sales fiz-zona assenjata lir-rikorrent.

Ir-rikorrent inaghata diversi twissijiet verbali izda baqa sejjer lura. Hu kien jghid li kellu problem familjari. Hu kien qal lid-direttrici tas-socjeta' li ma jistax jaghmel ahjar u li jkollha ragun jekk tkeccieh imma li xtaqet ittih cansijiet ohra li inghatawlu.

Illi s-socjeta' hija entita zghira u zbalji bhal tar-rikorrent kien ikollhom effett kbir izda ukoll mhux facli biex issib persuna ohra flok ir-rikorrent u ghalhekk dejjem kien jinghata c-cans li jtejjeb il-prestazzjoni.

Is-socjeta' kkonkuldiet billi sahqet  li certament mhijiex responsabbli ghal ebda tkeccija ingusta u li m'ghandha tillikwida jew thallas ebda kumpens kif mitlub.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu xhieda migjuba miz-zewg partijiet kif ukoll gew esebiti xi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-tkeccija mill-impjieg tar-rikorrent ghal-ragunijiet hekk dikjarati li naqas mid-doveri tax-xoghol tieghu u li kien negligenti f'xogholu kienux ragunijiet tajba u bizzejjed biex jigi mkecci.

Ir-rikorrent dam ghaxar (10) xhur fl-impjieg minn Jannar sa Ottubru 2022 u kellu sitt (6) xhur zmien ta prova. It-Tribunal ifakkar li kien zmien fil-pandemija covid-19.

Meta gie mpjegat ghamel zmien johrog fuq ix-xoghol akkumpanjat minn sid in-negozju Antonia Vella biex jitharreg . Mix-xhieda jider li Antonia Vella mill-bidu nnotat xi nuqqasijiet li kellu r-rikorrent rigward xoghol nkluz li kien idum biex jifhem, biex jiftakar u anke fuq kitba u qari. Ukoll ma kienx dejjem jaghaf il-prodotti mill katalgu. Vella qalet fix-xhieda li wara ghaxar (10) xhur kien ghad hemm hafna affarijiet bazici li jrid ibieh li ma jafx x'inhuma. Dawn in-nuqqasijiet, skont Vella,  kienu jirrizultaw fi-zbalji fid-deliveries b'dannu ghan negozju apparti in-nuqqas ta sodisfazzjoni tal-klijenti nvoluti. Tenniet ukoll li ma waqfitux fiz-zmien tal-prova ghax difficli issib haddiema.

Is-socjeta' ntimata kkonfermat li qatt ma nharget xi twissija bil-miktub lir-rikorrent u tkeccija saret wara li Vella rceviet xi telefonati minn xi klijenti fuq zbalji fl-ordnijiet . Vella qalet lir-rikorrent 'il-kumpanija ma tistax terfa l-problemi tieghek' u l-impjieg item hemm.

Ix-xhud Emanuel Schembri kien ghamel ghoxrin (20) sena jahdem mas -socjeta' ntimata bhal Sales Representative imma waqaf minhabba l-pandemija li johrog fuq barra u s-socjeta' taghtu xi xoghol fuq gewwa. Floku kien dahal ir-rikorrent. Is-socjeta' gabet paraguni bejn il-bejh ta Schembri u tar-rikorrent fejn irrizulta aktar bejh minn Schembri u s-socjeta' sostniet li x-xoghol ma naqas waqt il-pandemija. Wara t-tkeccija Schembri rega beda johrog ibieh.

Is-socjeta' ntimata insistiet li peress li hija kumpanija zghira u tal-familja wiehed ma jistenniex li ssegwi proceduri dixxiplinarji formali  u ghaldaqstant kollox isir verbali.

Min naha tieghu ir-rikorrent xhed li ir-raguni tat-tkeccija ma kellha xejn x'taqsam ma prestazzjoni izda ghaliex f'Lulju, 2020 marad serjament bil-hemorrhoids u beda jmur ghat trattament Materi Dei u kien hemm anka zmien li hasbu li ghandu tumur. Illi ovvjament kien jiehu xi sick leave ghax kellu "open certicicate" imma kien ghamel minn kollox biex xoghol ma jfallix u kien jidhol muguh u anke jbati s-sintomi fuq ix-xoghol.

Illi f-Ottubru, 2020 kellu jaghmel operazzjoni u illi dejjem kien javza s-socjeta' b'dak kollhu li jaghmel rigward mard inkluz id-dokumenti kollha medici minn Mater Dei.

Illi waqt dan il-perjodu ikrah u iebes is-socjeta' mhux talli ma kkoperatx imma talli kienet taqbdu xoghol ta deliveries u storekeeping ma dak tal-bejh li suppost kien propja xogholu. U illi ghaldaqstant il-paragun bejn il-prestazzjoni ta bejh bejnu u Schembri ma kienetx gusta ghax Schembri kellu ghoxrin (20) sena esperjenza komparati mal ftit xhur tieghu u ukoll meta hu kien qed jaghmel tlett xogholijiet. U ukoll hu kien hadem fi zmien il-perjodu tal-pandemija Covid19. Zied ukoll li rigward "commissions" is-socjeta' ma kienetx timxi b'mod gust mieghu. Xhed illi s-socjeta' bdiet taghmillu hajtu nfern biex iddejjqu u jirrezenja.

Ir-rikorrent sostna li kienet cara li t-tkeccija kienet marbuta biss mal mard ghax kienu jwaqqfuh fiz-zmien tal-prova u ghalhekk is-socjeta' meta qabdet u keccietu qaltlu li s-socjeta' ma tistax terfa l-problemi tieghek.

Qal li meta tkecca ma setghax jiehu l-ebda ghajnuna socjali u kien appella r-raguni ma l-Awtorita Nazzjonali tax-Xoghol qabel beda dawn il-proceduri. Xhed ukoll li Antonia Vella offietlu €1000 biex ma jibdiex dawn il-proceduri.

It-tkeccija jidher li saret hekk kif Vella qaltlu "li s-socjeta' ma tistax terfa l-problemi tieghek". Hadt decizjoni. Jista jitlaq'. Sostniet li ma qedhix dmiru skont il-kuntratt tax-xoghol.

Fil-process telghu jixhdu tnax (12) sidien ta hwienet li kien jadqi r-rikorrent. Dawn iffirmaw zewg document li pprepara r-rikorrent. L-ewwel wiehed kien jikkonsisti illi r-rikorrent dejjem qedha xoghol sew u b'mod xieraq u t-tieni r-rikorrent talab konferma illi jekk qabel beda hu fuq xogholu kienux isiru zbalji fl-ordinijiet, etc. Dawn ix-xiedha kollha ikkonfermaw li r-rikorrent kien jaghmel xogholu b'mod xieraq u li qabel beda hu xorta kienu jsiru zbalji. L-ewwel document gie iffirmat minn madwar sitta u tletin (36) sid u t-tieni minn madwar sitttax (16) il-sid.

**Decizjoni**

It-Tribunal analizza u wizen il-fatti, il-provi, ix-xhieda, d-dokumenti esebiti, d-dikjarazzjonijiet tal-kaz u ttrattazzjonijiet finali.

Wara li ghamel il-kunsiderazzjonijiet necessarji kif spjegat dan it-Tribunal jaghraf in-nuqqasijiet serji fil-konfront tas-socjeta' ntimata kif waslet ghat tkeccija tar-rikorrent.

Dan it-Tribunal jaghraf xhiedha ta Antonia Vella li mill bidu nett, meta kienet tohrog mar rikorrent fuq tahrig, kienet tinnota li r-rikorrent idum biex jifhem, biex jiftakar u anke biex jikteb u jaqra. Dan kien fil-bidu ta l-impjieg. Kien fi zmien tal-prova ta sitt (6) xhur fej bil-Ligi min ihaddem u anke l-impjegat ikollhom id-dritt jaraw jekk l-impjieg ikunx adatt. Dan jidher li f'dan il-kaz ir-rikorrent gie kkonfermat fl-impjieg wara z-zmien ta prova.

F'Lulju, 2020 r-rikorrent marad. Jidher li kien hemm provi konkreti ta dan u illi sadanittant is-socjeta' kienet qed takkuzah fuq zbalji, bejh inqas filwaqt li qabbditu ukoll xoghol ta delivieries u storekeeping. Fuq bejh ipparagunatu ma haddiem li kellu ghoxrin (20) sena esperjenza ta bejh waqt perjodu ta' pandemija li skont is-socjeta' ma kellha l-ebda effett fuq il-bejh li t-Tribunal isibha ftit difficli biex jifhima kompletament fir-realta tal-pandemija.

Xhieda konkreta minn sidien ta' hwienet iddikjarat li r-rikorrent kien jaqdi dmiru sew u li zbalji minn dejjem kienu jsiru.

It-tkeccija saret meta f'Ottubru, 2020 is-sid qalet lir-rikorrent li-socjeta' ma tistax terfa l-problemi tieghu. Illi hadet decizjoni u jista jitlaq. Dan meta qatt ma harget xi twissija bil-miktub fil-konfront tar-rikorrent matul l-impjieg u minghajr l-ebda process dixxiplinarju.

Din il-forma ta atteggjament dixxiplinarju minn naha tas-socjeta' ntimata huwa inaccettabli ghal dan it-Tribunal. Tkeccija mill-impjieg trid tkun ghal ragunijiet serji u gravi possibilment bi process dixxiplinarju formali u b'opportunita li min ikun qed jigi akkuzat jinghata c-cans kollu u xieraq biex jiddefendi ruhu. Irrelevanti kemm hi kbira jew zghira s-socjeta. IL-Ligi tapplika ghal kull relazzjoni ta xoghol. Biex jinhargu twissijiet u/jew "charges" ma jidholx il-kobor ta socjeta' imma mmanigjar serju u b'intenzjoni genwina. F'dan il-kaz dan kollu kien nieqes b'mod gravi.

It-Tribunal ukoll jasal biex jaghraf li s-socjeta' kecciet lir-rikorrent minhabba l-kundizzjonijiet ta mard li kellu. Rigward l-zbalji msemmija u li huma umani, it-Tribunal, anke biex xhieda b'sahhitha li kellna fil-process u nuqqas ta process dixxiplinarju, jaghraf li ma jimmeritawx tkeccija.

Dan it-Tribunal qed jiddeciedi li ma kienx hemm ragunijiet tajba u bizzejjed biex ir-rikorrent jitkecca mill-impjieg u ghaldaqstant fuq tkeccija ngusta u li jimmerita kumpens.

It-Tribunal jagharf li wara impjieg ta ghaxar (10) xhur ir-rikorrent meta tkecca ghamel perjodu bla beneficcji socjali minhabba r-raguni ta tkeccija li taghat is-socjeta' ntimata izda ukoll fix-xhieda r-rikorrent stqarr li wara t-tkeccija ma fittix xoghol mill-ewwel, apparti l-mard, anke ghal fatt li beda jahseb jekk jergax ikompli bin-negozju tieghu li kellu qabel u baqa ma jahdimx sa ma ntemm dan il-process. F'dawn ic-cirkustanzi it-Tribunal qed jiddeciedi fuq kumpens ta sitt elef u hames mitt euro (€6500) liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' ntimata lir-rikorrent fi zmien xahar mid-data ta din id-decizjoni. Dan il-kumpens ikopri kull talba li ghamel ir-rikorrent fir-rikors tieghu.

Ghal finijiet tal-Kap tal-Ligijiet ta Malta rigwardanti drittijiet tal-partijiet, dawn qed jigu stabbiliti fl-ammont ta tlieta u disghin euro u sbatax il-centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.**

**Chairman**

**Wayne Micallef**

**Vera Kopja**